MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Numru 734/2000

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**
**VS**
**OLIVER BROWNRIGG**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba konta Oliver Brownrigg, iben George u Giovanna nee’ Farrugia, imwieled Pieta’ fis-26 ta’ Mejju 1969, residenti fl-indirizz numru: 1, Thedell Rabbit Lane, Triq il-Ward, Zurrieq u detentur tal-Karta tal-identita bin-numru 230769M.

U billi huwa akkuzat talli fl-4 ta’ Novembru 1998 u fix-xhur precidenti, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. Xjentament ghamel uzu minn cedula, polza, ordni jew dokument falz u cioe dokumenti ta' diversi socjetajiet esteri, u dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehul-kunsina ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u dan bi ksur ta' Artikolu 169 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Xjentament ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe ta diversi socjetajiet esteri, u dokumenti ohra, u dokumenti ohra u dan bi ksur ta' Artikolu 184 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Xjentament ghamel uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, jew ta dikjarazzjoni jew certifikat falz, u cioe ta' diversi socjetajiet esteri, u dokumenti ohra, u dokumenti ohra u dan bi ksur ta' Artikolu 185(2) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Sabiex kiseb xi vantagg jew beneficju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u dan bi ksur ta' Artikolu 188 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u Direttur tat-Taxxi tad-Dwana u tas-Sisa, fil-kapacita' tieghu bhala persuna inkarigata mit-tmexxija tas-socjeta Brown's Trading ta' Simons Avenue Tarxien, huwa akkuzat:

5. Talli fil-5 ta' Frar 1998 u/jew f'xi data qabel, xjentement issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 2111340 datat 22/1/98, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll *Asycuda* 1 (*Import declaration*) bin-numru A214998. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat fuq l-imsemmi dokument (*Asycuda* 1) kien ta' LM4776, it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni (E.T.I.) imhallsa kienet ta' LM716, meta fil-fatt il-valur u l-E.T.I. reali kellhom ikunu LM9,252 u LM1388 rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fis-6/2/98 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana R67530 datat 5/2/98 fis-6/2/98. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta'

Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi fil-qerq tinharab it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni li tammonta ghal Lm671 dovuta lill-Gvern ta' Malta.

6. Talli fit-23 ta' Settembru 1998 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 216890 datat 11/9/98, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll *Asycuda* 1 (*Import declaration)* bin-numru 047320B. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat fuq l-imsemmi dokument (*Asycuda* 1) kien ta' LM7332, it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni (E.T.I.) imhallsa kienet ta' LM1100, meta fil-fatt il-valur u l-E.T.I. reali kellhom ikunu LM14664 u LM2200 rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fis-17/09/1998 giet rilaxxata bil-dokument tad-Dwana R42986 datat 23/9/1998 fl-24/9/98. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq tinharab it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni li tammonta ghal Lm1100 dovuta lill-Gvern ta' Malta.

7. Talli fis-6 ta' April 1998 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru GI-1351/98 datat 17/3/98, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll *Asycuda* 1 (*Import declaration*) bin-numru A489945. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat fuq l-imsemmi dokument (*Asycuda* 1) kien ta' LM8131m it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni (E.T.I.) u Dazju imhallsa kienu ta' LM1226, u LM1635 rispettivament, meta fil-fatt il-valur, l-E.T.I., u Dazju reali kellhom ikunu LM16602, LM2490 u LM3320 rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata b'Malta fit-8/4/98 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana R87451 datat 6/4/98 fit-13/4/98. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq tinharab it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni u Dazju li jammontaw ghal LM1264 u LM1685 rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

8. Talli fit-23 ta' Gunju 1998 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokumnet li jgib in-numru PI-537/98 datat 24/4/98, liema

dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll *Awycuda* 1 (*Import decleration*) bin-numru A477579. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat fuq l-imsemmi dokument (*Asycuda* 1) kien ta' LM5567, it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni (E.T.I.) u Dazju imhallsa kienu ta' LM835, u LM1113 rispettivament, meta fil-fatt il-valur, l-E.T.I., u Dazju reali kellhom ikunu LM10071, LM1511 u LM2014 rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fl-24/6/98 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana R15349 datat 23/6/98 fis-26/6/98. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi fil-qerq tinharab it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni u Dazju li jammontaw ghal LM676 u LM901 rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

9. Talli fil-15 ta' Lulju 1998 u/jew f'xi data qabe, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokumnet li jgib in-numru GI-1395/98 datat 30/6/98, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll *Asycuda* 1 (*Import declaration*) bin-numru A166299. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat fuq l-imsemmi dokument (*Asycuda* 1) kien ta' 3696 U. S. $ (LM1473), LM210 *freight*, li jammontaw ghal LM1683, it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni (E.T.I.) u Dazju imhallsa kienu ta' LM252, u LM337 rispettivament, meta fil-fatt il-valur, l-E.T.I., u Dazju reali kellhom ikunu LM3151, LM473 u LM630 rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fit-22/7/98 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana R229009 datat 15/7/98 fis-27/7/98. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq tinharab it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni u Dazju li jammontaw ghal LM221 u LM 293 rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

10. Talli fl-4 ta' Mejju 1998 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument, b'zewg pagni, li jgib in-numru SSY/1196/98 datat 20/1/98, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll *Asycuda* 1 (*Import declaration*) bin-numru A175457. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement

ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat fuq l-imsemmi dokument (*Asycuda* 1) kien ta' LM5126, it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni (E.T.I.) u Dazju imhallsa kienu ta' LM765, u LM1020 rispettivament, meta fil-fatt il-valur, l-E.T.I., u Dazju reali kellhom ikunu LM8274, LM1241 u LM1655 rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fid-29/4/98 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana R97263 datat 4/5/98. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq tinharab it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni u Dazju li jammontaw ghal LM476 u LM 635 rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

11. Talli fil-21 ta' Awwissu 1998 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument, li jgib in-numru SSY/1200/98 datat 4/8/98, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll *Asycuda* 1 (*Import declaration*) bin-numru 002693B. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat fuq l-imsemmi dokument (*Asycuda* 1) kien ta' LM4506, it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni (E.T.I.) u Dazju imhallsa kienu ta' LM676, u LM901 rispettivament, meta fil-fatt il-valur, l-E.T.I., u Dazju reali kellhom ikunu LM7112, LM1067 u LM1422 rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fis-27/8/98 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana R34374 datat 21/8/98 fil-31/8/98. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq tinharab it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni u Dazju li jammontaw ghal LM391 u LM 521 rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

12. Talli fis-16 ta' Lulju 1998 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument, b'zewg pagni, li jgib in-numru VC98/2032 datat 23/6/98, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll *Asycuda* 1 (*Import declaration*) bin-numru 076224B. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat fuq l-imsemmi dokument (*Asycuda* 1) kien ta' 4272.48 U. S. $, (LM1703), LM200 freight, li jammontaw ghal LM1903, it-Taxxa tas-Sisa fuq l-

Importazzjoni (E.T.I.) u Dazju imhallsa kienu ta' LM285, u LM381 rispettivament, meta fil-fatt il-valur, l-E.T.I., u Dazju reali kellhom ikunu LM3608, LM541 u LM722 rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fit-22/7/98 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana R23491 datat 16/7/98 fl-4/8/98. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq tinharab it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni u Dazju li jammontaw ghal LM256 u LM341 rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

13. Talli fit-3 ta' Marzu 1998 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument, li jgib in-numru 55 datat 10/2/98, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll *Asycuda* 1 (*Import declaration*) bin-numru A075742. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat fuq l-imsemmi dokument (*Asycuda* 1) kien ta' LM4861, it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni (E.T.I.) imhallsa kienet ta' LM729, meta fil-fatt il-valur, l-E.T.I., reali kellhom ikunu LM9722 u LM1458 rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fis-26/2/98 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana R75470 datat 3/3/98 fil-5/3/98. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq tinharab it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni li tammonta ghal LM729 dovuta lill-Gvern ta' Malta.

14. Talli fis-6 ta' April 1998 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument, li jgib in-numru 117 datat 20/3/98, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll *Asycuda* 1 (*Import declaration*) bin-numru A489942. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat fuq l-imsemmi dokument (*Asycuda* 1) kien ta' LM2733, it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni (E.T.I.) imhallsa kienet ta' LM407, meta fil-fatt il-valur, l-E.T.I., reali kellhom ikunu LM5424 u LM814 rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fit-30/3/98 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana R87452 datat 6/4/98 fit-8/4/98. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-

qerq tinharab it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni tammonta ghal LM407 dovuta lill-Gvern ta' Malta.

15. Talli fit-28 ta' April 1998 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument, li jgib in-numru 149 datat 15/4/98, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll *Asycuda* 1 (*Import declaration*) bin-numru A483151. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat fuq l-imsemmi dokument (*Asycuda* 1) kien ta' LM5248, it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni (E.T.I.) imhallsa kienet ta' LM791, meta fil-fatt il-valur, l-E.T.I., reali kellhom ikunu LM10550, u LM1582 rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fis-27/4/98 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana R95516 datat 28/4/98 fil-5/3/98. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq tinharab it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni li tammonta ghal LM791 dovuta lill-Gvern ta' Malta.

16. Talli fil-5 ta' Gunju 1998 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument, li jgib in-numru 182 datat 22/5/98, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll *Asycuda* 1 (*Import declaration*) bin-numru A543888. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat fuq l-imsemmi dokument (*Asycuda* 1) kien ta' LM4763, it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni (E.T.I.) imhallsa kienet ta' LM714, meta fil-fatt il-valur, l-E.T.I., reali kellhom ikunu LM9526 u LM1429 rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fl-1/6/98 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana R08783 datat 3/6/98 fit-8/6/98. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq tinharab it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni li tammonta ghal LM715 dovuta lill-Gvern ta' Malta.

17. Talli fl-1 ta' Lulju 1998 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 202 datat 5/6/98, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll *Asycuda* 1 (*Import declaration*) bin-numru A168512. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel

dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat fuq l-imsemmi dokument (*Asycuda* 1) kien ta' LM652, it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni (E.T.I.) imhallsa kienet ta' LM98, meta fil-fatt il-valur, l-E.T.I., reali kellhom ikunu LM1304 u LM196 rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fit-2/7/98 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana R17823 datat 1/7/98 fis-7/7/98. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq tinharab it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni li tammonta ghal LM98 dovuta lill-Gvern ta' Malta.

18. Talli fit-28 ta' Marzu 1998 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument, li jgib in-numru 34559A datat 17/5/98, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll *Asycuda* 1 (*Import declaration*) bin-numru A226723. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat fuq l-imsemmi dokument (*Asycuda* 1) kien ta' LM629, it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni (E.T.I.) E.T.I., u Dazju imhallsa kienu ta' LM94, u LM126 rispettivament, meta fil-fatt il-valur, l-E.T.I., u Dazju reali kellhom ikunu LM1008.22, LM151.23 u LM201.64 rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fil-25/5/98 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana R06762 datat 28/5/98 fl-1/6/98. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq tinharab it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni u Dazju li jammontaw ghal LM57.23 u LM75.64 rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

19. Talli fil-31 ta' Lulju 1998 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokumenti, li jgib in-numri 36499 datat 13/7/98 u 36500 datat 13/7/998, liema dokumenti juru valuri anqas minn dawk originali; kif ukoll *Asycuda* 1 (*Import declaration*) bin-numru 086172B. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat fuq l-imsemmi dokument (*Asycuda* 1) kien ta' LM2765, it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni (E.T.I.) E.T.I., u Dazju imhallsa kienu ta' LM418, u LM558 rispettivament, meta fil-fatt il-valur, l-E.T.I., u Dazju reali kellhom ikunu LM4460.89, LM669.13 u LM892.17

rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fis-26/7/98 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana R28496 datat 31/7/98. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq tinharab it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni u Dazju li jammontaw ghal LM251.13 u LM334.17 rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

20. Talli fl-4 ta' Novembru 1998 u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument, li jgib in-numru 39960, 39961, 39959, 39958, 39957 datat 12/10/98, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll *Asycuda* 1 (*Import declaration*) bin-numru A104280. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valuri reali. Il-valur dikjarat fuq l-imsemmi dokument (*Asycuda* 1) kien ta' LM3706, it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni (E.T.I.) E.T.I., u Dazju imhallsa kienu ta' LM556, u LM741 rispettivament, meta fil-fatt il-valur, l-E.T.I., u Dazju reali kellhom ikunu LM6038.47, LM905.77 u LM1207.69 rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fit-30/10/98 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana R58326 datat 3/11/98 fis-6/11/98. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq tinharab it-Taxxa tas-Sisa fuq l-Importazzjoni u Dazju li jammontaw ghal LM651.69 u LM466.69 rispettivament dovuti lill-Gvern ta' Malta.

U dana kollu bi ksur ta' l-Artikoli 18, 62 (f) (g) (h) (i) (m) tal-Kap 37; l-Artikolu 18A tal-Kap 337 u l-Artikolu 69 ta' l-Att dwar Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (Att Nru. XII ta' l-1997) tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kull kaz li tinstab htija, terz tal-piena tal-flus, jitqies fuq it-talba tal-Prosekuzzjoni bhala dejn Civili u ghandu jigi dikjarat mill-Qorti kompetenti fl-ghoti tas-sentenza li hu dovut u li ghandu jithallas lill-Gvern u ghandu jigi ezegwit fl-istess Qorti li taghti s-sentenza bl-istess mod bhallikieku inghatat f'azzjoni civili maghmula bejn il-Gvern u l-hati, dan ghat-termini ta' l-att 62 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali (a fol 30) u tal-imputat (a fol 9) sabiex il-kax jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-ewwel ufficjal prosekutur u cioe' Spettur Joseph Cordina a fol 16 esebixxa *letter to prosecute* mid-dipartiment tad-Dwana u tal-VAT (JC1, 2, 3) u l-istqarrija tal-imputat JC6 li fiha l-imputat iddikjara illi ma jaf xejn dwar l-allegazzjonijiet maghmula u ried jezamina d-dokumenti, nnega li huwa qatt biddel jew ffalsifika xi dokument tad-dwana u qal li hallas dak kollu dovut. (fol. 31)

Joseph Borg ufficcjal tad-dwana kkonferma *letters to prosecute* JC1, 2, 3 u esebixxa d-dokumenti kollha elenkati f'faxxiekli JB1 a fol 41, JB2, JB3 u JB4.

F'dawn id-dokumenti hemm ir-rapport investigattiv tal-Ispettur tad-dwana A. Cassar. Ir-rapporti huma Dok. 4, 4A, 4B, 4C a fol 139 – 141; ir-rapporti Dok. 6 u 6A a fol 122 – 123; ir-rapporti 7, 7A, 7B, 8, 8A, 8B a fol 191 – 193; r-rapport Dok. 4 a fol 61.

Carmel Portelli chief inspector tad-dwana a fol 142 xehed li rcieva dokumenti minn barra minn Malta cioe' Hong Kong, Ingilterra, Italja u l-Portugal skont World Customs Organization Natural Assistance agreement:

***"Huma jaghtuna informazzjoni for intelligance purposes only, hija importanti ghax d-dokumenti li nircievu jridu jibqghu kunfidenzjali."***

Portelli xehed li huwa qabbel id-dokumenti li rcieva mid-dwana tal-pajjizi msemmija, mad-dokumenti li gew pprezentati minn Brown Trading "*u ma kienux jaqblu*" (fol. 143) u ghalhekk irreferew id-dokumenti lill-pulizija.

Spettur Martin Sammut a fol 146 spjega r-rapporti li saru mid-dipartiment tad-Dwana (fol 141 – 148) u xehed dwar illi “l-modus operandi” illi kien qed jintuza f’dan il-kaz u cioe li jigi mghoddi lid-Dwana il-“proforma” invoice fejn il-kliem “proforma” jigu mhassra, u b’hekk tigi evitata t-taxxa dovuta.

Spettur Martin Sammut rega nterroga lill-imputat u ezebixxa Dok. MS a fol 151 fejn l-imputat nnega li ghamel xi falsifikazzjoni fuq xi dokument tad-dwana jew li ffranka xi taxxa dovuta u stqarr illi ried jezamina d-dokument indikat lilu mill-Ufficcjal.

Spettur Ivan Portelli a fol 154 et seq., ikkonferma li kien dahal rapport mid-Department tal-Frodi tal-Customs Department u li kien kellem lill-Ufficcjal tad-Dwanal-Ispettur A. Cassar u li ghalhekk kien investiga lill-imputat fil-21 ta’ Gunju 2000.

Spettur Ivan Portelli kkonferma Dok. JC 6 izda imkien f’dan id-dokument ma jidher illi kien prezenti!

Spettur Anthony Cassar a fol 109 kkonferma r-rapport tieghu a fol 61 u fiehem id-diskrepanzi li sab mill-fatturi li gew ipprezentati lill-Dwana mill-imputat u dawk li gew mghoddija lilu mid-Dipartiment tad-Dwana tal-Portugal u li kien hemm diskrepanza ta’ dwana dovuta ta’ LM671 u LM110 – ara fol 61 r-rapport ta’ Cassar u a fol 51 rapport tad-Dwana tal-Portugal meta mqabbla mal-fatturi Dok. 1A a fol 143 u fatturi Dok. 2A a fol 47.

PS 130 Ivan Cilia kkonferma l-istqarrija tal-imputat Dok. JC 6.

Fit-tieni xhieda ta’ Anthony Cassar, huwa kkonferma r-rapporti tieghu, minn fol 91 sa fol 96 u minn fol 139 sa fol 141 u kkonferma d-diskrepanzi fil-valur tal-merkanzija mill-Portugal, Honk Kong, Ingilterra u Italia u l-valur kif indikati mill-fatturi li pprezenta l-imputat lid-Dwana Maltija u t-taxxa tad-Dwana dovuta.

Anthony Cassar kkonferma li huwa personalment **qatt ma siefer fil-pajjizi indikati** sabiex jaghmel ir-ricerka jew investigazzjoni hu stess u li qaghad fuq id-dokumenti li baghtulu d-Dipartiment tad-Dwana estera.

Il-Qorti, fuq talba tal-Prosekuzzjoni hejjiet ittri rogatorji sabiex tittiehed ix-xhieda relevanti tal-ufficcjali tad-Dwana ta’ Hong Kong izda dan ma halla ebda frott stante illi kif xhedet Dr. Nicole Lungaro Mifsud a fol 250 ma hemm ebda trattar f’dan is-sens bejn Malta u Hong Kong.

Emmanuel Bonnici ufficcjal tad-Dwana a fol 252 kkonferma l-firma tieghu fuq id-dokument tad-Dwana a fol 111. Huwa xhed illi ma kellux sehem fl-investigazzjoni tal-imputat.

Vivienne Calleja, ufficcjal tad-Dwana, kkonferma l-firma taghha li tinstaghab a fol 102 fuq konsenja ta’ zraben.

Emmanuel Bonnici, Principal Officer tad-Dwana, kkonferma l-firma tieghu li tinstaghab a fol 102, li l-importatur kien l-imputat, il-firma tal-imputat, il-hlas tad-Dwana dovuta u r-rilaxx tal-merkanzija u kkonferma l-istess ghar-rigward ta’ l-importazzjoni ndikata a fol 107, 108, 109, 42 sa 45.

Emmanuel Bonnici a fol 263 u 264 qal li kien sab kollox regolari f’dokumentazzjoni li maghha huwa kellu x’jaqsam.

Carmen Aquilina kkonfermat id-dokumenti a fol 103 sa 106, 209, 113 sa 117, il-firma taghha fuq dawn id-dokumenti u r-rilaxx tal-merkanzija rilevanti f’idejn l-importatur Oliver Brownrigg u **a fol 268 ddikjarat li ghaliha kollox kien regolari u giet mhallsa d-dwana dovuta.**

John Camilleri a fol 269, Assitant Director Processing fid-Dipartiment tad-Dwana, kkonferma dokumenti 126, 128, 136, 138, l-firem tieghu fuq dawn id-dokumenti, r-rilaxx favur l-imputat Oliver Brownrigg, jew George Agius li kien jahdem mieghu, tal-merkanzija indikata wara l-hlas ta’ dwana dovuta.

Godfrey Grima a fol 272 ikkonferma l-kariga tieghu bhala Principal Officer fid-Dipartiment tad-Dwana u kkonferma d-dokumenti li jinstaghabu a fol.119 u 121; ikkonferma li l-hlas tat-taxxa dovuta saret u li l-merkanzija giet rilaxxata.

Victor Gruppetta, assistant principal officer mad-Dwana, kkonferma dokumenti a fol 64, 65, 67, il-firem tieghu fuq id-dokumenti msemmija, li kien iccekkja x-xoghol u s-sigilli u li l-merkanzija giet rilaxxata lil Oliver Browrigg.

Frans Stellini, Principal Customs Officer a fol 281 et seq. kkonferma dokumenti 104, 106, Dok. 2A u Dok. 2C. Ikkonferma l-firem tieghu fuq id-dokumenti msemmija. **Xhed li sab li s-sigilli tal-kontainer kienu intatti u li kien irrilaxxa l-merkanzija ghax "*kien kollox ezatt.*" (ara fol 283)**

John Hayman Ufficcjal tad-Dwana a fol 291 kkonferma d-dokumenti li jinstaghabu a fol.62, 86, 88, il-firem tieghu fuq id-dokumenti msemmija.

Saviour Chetcuti, Principal Officer mad-Dipartiment tad-Dwana a fol 293 kkonferma d-dokumenti fol 69, 72, il-firem tieghu fuq id-dokumenti u li l-merkanzija giet irrilaxxata lil Brownrigg.

Jacqueline Cini a fol 295, Principal Officer mad-Dwana, kkonfermat id-dokumenti a fol 82 u 84, l-firem taghha fuq id-dokumenti u l-hlas tat-taxxa dovuta ghar-rilaxx tal-merkanzija.

Alfred Farrugia, Ufficcjal tad-Dwana a fol 299 kkonferma d-dokumenti a fol 86, 88 u 90, l-firem tieghu fuq id-dokumenti u r-rilaxx tal-merkanzija wara l-hlas ta' taxxa dovuta.

Antoine Azzopardi, Ufficcjal tad-Dwana, a fol 302 kkonferma fol 113 u Dok. 4A, 114, 117 u r-rilaxx tal-merkanzija lil Oliver Brownrigg.

Vincent Vella a fol 306 me setghax jikkonferma l-firem fuq *letter to prosecute* Dok. JC 2 a fol 22.

Paul Scriha a fol 309 kkonferma l-*letter to presecute* Dok. JC 2 a fol 22 tal-Process.

L-imputat ghazel li ma jixhidx u ma ressaq ebda prova ohra.

Ikkunsidrat:

Illli din il-kawza giet inizjata mid-Dwana ta' Malta wara li rcevew informazzjoni konfidenzjali mid-Dwana ta' diversi pajjizi esteri fis-sens illi l-imputat kien qieghed jevadi t-taxxa tad-Dwana u t-taxxa tas-Sisa, permezz ta' "modus operandi" li bih jippresenta pro-forma invoice tal-merkanzija li kienet turi valur ta' merkanzija mnaqqas b'percentwali ta' hamsin fil-mija mill-valur reali taghha. Id-Dwani tal-pajjizi tal-Portugal, Italja, Ingilterra u Hong Kong kienu taw din l-informazzjoni lid-Dwana Maltija b'mod konfidenzjali.

L-ewwel erba' akkuzi jirrigwardaw reati ai termini ta' Artikoli 169, 184, 185 u 188 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' falsifikazzjoni ta' dokumenti u uzu ta' dokumenti foloz da parti tal-imputat ghall-profit.

Illi dawn ir-reati huma elenkati fil-Kodici Kriminali u ghaldaqstant jirrikjedu illi jigu pprovati da parti tal-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

F'dawn il-proceduri l-Prosekuzzjoni naqset paljezament milli tipproduci evidenza biex b'xi mod tipprova l-kaz taghha u dana ma setghetx tipproducih il-ghaliex id-dokumenti originali mill-esteru qatt ma gew prodotti u ghalhekk ma seta jsir ebda ezami tad-dokumenti esteri ma dawk li gew pprezentati mill-imputat lid-Dwana Maltija.

L-akkuzi 5 sa 20 huma akkuzi li jemenaw taht l-Att tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa u cioe' Kap. 337 u Att. Numru XII tal-1997.

Artikolu 77 tal-Kap. 337 jipprovdi illi:

*"If, in any claim in respect of any goods seized for non-payment of duties, or any other cause of forfeiture, or in any prosecution for the recovery of any pecuniary penalty or otherwise under this Ordinance, any dispute arised whether the duties of customs have been paid in respect of such goods, or whether the same have been lawfully imported or lawfully transhipped or unshipped, or concerning the place from where such goods were brought, then and in every such case the proof thereof shall be on the person making such claim or on the defendant in such prosecution, as the case may be."*

Fil-kawza Pulizija vs. Mario Scicluna, deciza fis-sebgha (7) ta' Marzu 1985 il-Qorti tal-Appell kkonfermat il-principju li "*a tenur ta' Artikolu 77 tal-Kap. 37, meta fi procediment taht dak il-Kap. tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggett partikolari kienx gie mhallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oggetti gew akkwistati, l-prova ta' dan taqa' fuq l-imputat*." Il-prova li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultaliex li thallas id-dazju. Minn hawn 'il quddiem, l-onoru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat.

L-import ta' Artikolu 77 gie wkoll trattat fl-Appell Kriminali 'Il-Pulizija vs. Joseph Said' deciza fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru 1992, 'Il-Pulizija vs. Andrew Zammit et' deciza fl-Appell Kriminali fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju 1998, 'Il-Pulizija vs. Joseph Grech' sentenza tal-Appell Kriminali deciza fl-erbgha (4) ta' Frar 1994 fejn gie affermat il-principju li jekk tinqala' kwistjoni dwar jekk l-oggetti kienx thallas id-dazju fuqhom jew kienux importati skont il-ligi, l-prova relattiva tmiss lill-imputat. (vide ... Pulizija vs. Scira – Appell Kriminali 21.8.65; Pulizija vs A. Mifsud – Appell Kriminali 24.4.1986 u Pulizija vs. M. Agius – Appell Kriminali 11.5.1990)

**Ghalhekk il-prosekuzzjoni jehtiegilha taghmel prova "*prima face*" ghal dak li jirrigwarda r-reati taht l-Ordinanza li d-dazju ma kienx thallas imbaghad japplika d-dispozittiv taht l-Artikolu 77 ta' l-istess**

**Ordinanza li jitfa' l-oneru tal-prova li d-dazju effettiv kien thallas fuq imputat.**

Fil-kaz in ezami, l-Qorti hi tal-fehma illi l-prova ghalkemm prima face da parti mill-Prosekuzzjoni u Ufficcjali tad-Dwana ma saritx.

Dan qieghed jinghad 'il ghaliex x-xhieda tal-Ispettur Investigattiv tad-Dwana f'dan il-kaz u cioe' Spettur A.. Cassar, tikkonsisti biss fi hearsay evidence stante illi hija bazata kompletament fuq informazzjoni kunfidenzjali moghtija mill-Ufficcjali tad-Dwana ta' diversi pajjizi esteri.

Ix-xhieda ta' dawn l-ufficjali tad-Dwana esteri qatt ma gew prodotti permezz ta' ittri rogatorji jew viva voce u kienet **din** x-xhieda u d-dokumenti miksuba minnhom li l-prosekuzzjoni kien jehtiegilha tipproduci skond il-ligi, qabel ma jista' jiskatta l-operat tal-Artikolu 77 tal-Kap. 337 billi jaqleb l-oneru tal-provi fuq l-imputat.

Huwa evidentissimu illi ghajr ghal l-Ispettur tad-Dwana Cassar li agixxa fuq ir-rapporti tad-Dwana esteri, il-maggior parti ta' l-Ufficjali tad-Dwana illi gew prodotti mill-Prosekuzzjoni, kollha qalu illi ghalihom l-importazzjoni kienet regolarissima u l-imputat hallas id-Dwana dovuta u ghalhekk il-merkanzija giet rilaxxata lilu.

Ghaldaqstant il-prova kardinali illi fuqha hija bazata din il-kawza u cioe  r-rapporti tad-Dwani esteri kellhom jigu prodotti skond il-ligi. Hearsay evidence ma tekwiparax b'ebda mod ma' prima face evidence.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skont l-akkuzi dedotti kontra tieghu u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------